KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 02

**Il-Ħamis 25 ta' Lulju 2019**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Christianne Mifsud - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 02.1 Qari tal-Apoloġiji

02.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw.

## 02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 01

02.2.1 Ġie nnutat li bi zball is-SE kienet għaddiet kopja b'oħra tal-minuti u għaldaqstant kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu approvati flimkien mat-tieni sett ta' minuti li se jiġu prezentati waqt il-laqgħa li jmiss.

02.2.2 Sadanittant kien hemm sospensjoni tal-laqgħa għal ftit minuti sabiex l-eks Kunsillier Anton Mifsud, li kien irrezenja mill-kariga sabiex izomm il-kariga ta' President tar-Reġjun, ikun jista' jagħti l-aħħar *feedback* mil-laqgħa tar-Reġjun.

Il-punti li ssemmew kienu dawn:

Se tinħareġ offerta għal servizz ta' ġbir ta' garden waste min-naħa tar-Reġjun. Il-qbil kien li kull Kunsill iħallas skont in-numru ta' ġabriet li jkollu mil-lokalità. Il-Kunsill qabel fuq dan il-prinċipju.

Is-Sur Mifsud informa wkoll li minħabba li kien hemm problema bis-siġar li jisporġu għal fuq il-bankini madwar il-lokalitajiet kollha, kien hemm qbil li r-Reġjun għandu jkollu byelaw li wara li jinġab il-permess neċessarju mingħand l-ERA, ir-resident jingħata avviz biex jaqta' s-siġra u jekk fiz-zmien stipulat dan ma jsirx, ir-Reġjun kien se jieħu azzjoni hu bil-ħlas għall-istess resident li rċieva l-avviz.

Is-Sur Mifsud fakkar li kienet se tinzamm ġurnata għall-għoti ta' demm nhar is-6 ta' Ottubru u għaldaqstant ħajjar lill-Kunsilliera kollha sabiex jipparteċipaw u jinkoraġġixxu lir-residenti wkoll.

Is-Sur Mifsud informa li kienet se ssir laqgħa għall-Kunsilliera kollha tar-Reġjun f'nofs Settembru. Aktar informazzjoni tintbagħat 'il quddiem.

Is-Sur Mifsud informa li r-Reġjun kien qed jizviluppa app għal-lokalitajiet tar-Reġjun Tramuntana fejn wieħed ikun jista' jsib informazzjoni dwar kull lokalità.

Is-Sur Mifsud fakkar ukoll li fil-prezent kienu qed jinġabru l-applikazzjonijiet mingħand iz-zgħazagħ dwar il-proġett tar-Reġjun, Y-Engage.

Il-laqgħa tkompliet fis-6:50pm.

## 02.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

02.3.1 Is-Sindku ta merħba lill-Kunsillier Christianne Mifsud u infurmaha li kien kuntent li kienet ingħaqdet mal-kumplament tal-membri l-ġodda. Hawnhekk huwa semma' li l-Kunsill Lokali tal-Imtarfa huwa wieħed mill-izgħar Kunsilli ta' Malta.

02.3.2 Is-Sindku informa li l-proġett tal-iskambju taz-zgħazagħ kien ġie aċċettat. Dan se jsir f'Novembru li ġej fil-Polonja.

02.3.3 Is-Sindku semma' li hija x-xewqa tiegħu li jiġu riveduti l-konfini tal-lokalità. Ġie nnutat li waqt il-laqgħa li saret mal-Onor. Julia Farrugia Portelli, kienet issemmiet din ix-xewqa. Is-Sindku qal li kien imperattiv li l-Kunsill iħejji kaz b'saħħtu bir-raġunijiet kollha biex jiġu riveduti l-konfini.

02.3.4 Is-Sindku informa li hekk kif ġie mħabbar l-eks sptar navali kien se jinbidel fi skola internazzjonali. Is-Sindku informa li huwa kien talab biex issir laqgħa ta' informazzjoni mar-residenti biex jekk ikun hemm xi mistoqsijiet, dawn jiġu ċċarati.

02.3.5 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tieħu ħsieb li ddur il-minuti ta' dawn l-aħħar xhur sabiex jekk hemm deċizjonijiet li għadhom ma ġewx attwati, dawn jittieħdu nota tagħhom u jiġu ezegwiti.

## 02.4 Elezzjoni Kazwali wara r-rizenja tal-Kunsillier Anthony Mifsud

02.4.1 Minħabba kwistjoni ta' rekords, is-SE infurmat li wara li l-Kunsillier Anthony Mifsud kien bagħat ittra ta' rizenja wara li għazel li jibqa' jokkupa l-kariga ta' President tar-Reġjun Tramuntana, hija kienet infurmat lill-awtoritajiet konċernati b'dan. B'rizultat ta' dan, kienet saret elezzjoni kazwali fejn kienet ġiet eletta Christianne Mifsud. Il-Kunsill kollu feraħ lill-Kunsilliera Mifsud.

## 02.5 Responsabbiltajiet tal-Kunsillier Christianne Mifsud

02.5.1 Is-Sindku hawnhekk għadda l-lista ta' responsabbiltajiet lill-Kunsillier Mifsud. Dawn huma:

Politika Reġjonali, l-Ambjent, Ħarsien tal-Annimali, l-Isport, Innovazzjoni, u l-Integrazzjoni Soċjali

## 02.6 Offerti u Bordijiet ta' Evalwazzjoni

02.6.1 Is-SE infurmat li kien infetaħ it-*tender* tal-*finishes* u nstab li ma kienet twaddbet ebda offerta. Hija infurmat li kienet bdiet il-proċeduri sabiex jerġa' jiġi ppubblikat.

02.6.2 Sadanittant infurmat li hemm bzonn li jiġi deċiz il-bord tal-evalwazzjoni għall-offerti tat-twaqqigħ u l-bini tal-*Visitors Centre*. Kien hemm qbil li l-bord għandu jkun magħmul mis-Sindku, Viċi Sindku, il-Kunsillier Fenech u l-*Project Coordinator*.

02.6.3 Is-SE talbet ukoll biex jilħaq jiġi deċiz il-bord tal-evalwazzjoni għall-M&E's għall-Visitors Centre. Kien hemm qbil li dan ikun magħmul mis-Sindku, il-Kunsillier Fenech u l-*Project Coordinator*.

02.6.4 Is-SE prezentat kopja tal-offerti li nġabru kif ukoll rapport mingħand l-enġinier sabiex jintagħzel kuntrattur għax-xogħol tal-M&E's għat-Torri tal-Arloġġ wara li dan kien ġie ppubblikat aktar minn darba u ma kienx hemm offerenti. Il-Kunsill qabel li għandu jagħzel Bidder A, hekk kif rakkomandat mill-inġinier fir-rapport tiegħu, bħala c-*cheapest complaint offer*. Is-SE se tieħu ħsieb li tibgħat kommunikazzjoni lid-DLG kif ukoll lill-Ministru sabiex jinġab il-permess neċessarju biex tingħata *direct order*.

02.6.5 Is-Sindku talab lis-SE tikkonferma fiex waslu l-Periti fir-rigward tal-proġett tal-Pjazza kif ukoll jekk ġiex approvat il-pjan għal parkeġġ ġdid quddiem Binja Buqana. Hawnhekk is-Sindku informa li kienet inħolqot problema mal-Kurja hekk kif dawn kienu biddlu partijiet sostanzjali mill-ftehim hekk kif diskuss mal-Kunsill, fost oħrajn li titwaqqa s-sagristija u li jkollhom id-dritta li jagħtu biss avviz ta' xahar u jibdlu kollox. Kien hemm qbil li dan għall-Kunsill mhux aċċettabbli, b'mod speċjali meta wieħed jikkunsidra l-elufijiet kbar li se jkunu qed jintefqu biex din iz-zona tissebbaħ. Is-Sindku informa wkoll li għalkemm l-art ta' bejn Binja Santa Luċija u l-Gym tad-Depiro m'hemmx titlu fuqha min-naħa tal-Kunsill u tad-Depiro, kien hemm il-ħsieb li l-Kunsill jiddiskuti dwar proġett mal-HA sabiex iz-zona tissebbaħ u jiġi inkorporat parkeġġ u aċċess għal Binja Santa Luċija f'kaz ta' emerġenza.

## 02.7 Skemi offerti mid-DLG

02.7.1 Is-SE infurmat li kienet ħarġet skema għar-Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta. Hija kienet tkellmet mal-Kappillan sabiex tara l-bzonn tal-Kappella imma dan kien infurmaha li l-kappella m'għandhiex bzonn. Kien hemm qbil li s-Sindku għandu jerġa' jkellem lill-Kappillan u kemm-il darba dan jaqbel li ssir l-applikazzjoni, kienet se tintalab estensjoni tad-data.

02.7.2 Fir-rigward tal-iSkema tal-Clean Up Day, kien hemm qbil li l-ispiza li jkollu l-Kunsill hija minima u għaldaqstant mhux se ssir applikazzjoni. Is-SE fakkret li l-Baden Powell Scouts kienu se jieħdu ħsieb din il-*clean up*.

02.7.3 Is-SE infurmat li kienet ħarġet skema finanzjarja oħra għal zvilupp ta' libreriji lokali u hi u l-Kunsilliera Sammut Dimech kienu ddiskutew proġett li seta' jsir kemm-il darba jintrebħu dawn il-fondi. Wara spjega tiegħu kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika għal dawn il-fondi.

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jitfa' applikazzjoni għal ġimgħa ta' attivitajiet b'konnessjoni mal-Mobility Week li jittellgħu bejn is-16-22 ta' Settembru. Kien hemm qbil li l-Viċi Sindku għandu jieħu ħsieb li jgħaddi l-applikazzjoni mimlija lis-SE u jkun responsabbli mill-attivitajiet li se jiġu organizzati.

## 02.8 Bord tal-Intervisti għal Impjieg Ġdid

02.8.1 Is-SE infurmat li kienet applikat persuna waħda għal impjieg ġdid għal skrivan/a. Għaldaqstant talbet lill-Kunsill sabiex jinnomina bord tal-intervisti. Il-Kunsill qabel li flimkien mas-SE, il-membri fuq il-bord għandhom ikunu s-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Mifsud.

02.8.2 Kien hemm qbil sadanittant li jekk il-kandidata ma tkunx sodisfaċenti, is-SE għandha tmexxi bil-proċess mal-JobsPlus.

02.8.3 Hawnhekk is-Sindku semma' l-bzonn li jiġi ingaġġat *Contracts Manager* jew *supervisor* għax-xogħlijiet li suppost isiru fuq barra. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikkunsidra li jkollu persuna li tkun qed issegwi x-xogħlijiet li jkunu għaddejja fil-lokalità.

## 02.9 Festa tas-Salvatur – 11 ta' Awwissu 2019

02.9.1 Is-Sindku informa li d-dar tal-anzjani tħobb tiċċelebra din il-festa u għaldaqstant kienu ssuġġerew li tinzamm attività b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u li tkun miftuħa għall-anzjani kollha tal-lokalità. Il-Kunsill qabel li ssir spiza sa €400 għal din l-attività.

## 02.10 Laqgħa mal-Awtorità tad-Djar

02.10.1 Is-Sindku informa li l-Awtorità tad-Djar kienet qed turi rieda li jkun hemm kollaborazzjoni mal-Kunsill fuq problemi varji, b'mod speċjali dwar il-problema tal-ilma fil-garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa. Kien hemm qbil għaldaqstant li l-Kunsill jikkummissjona rapport minn perit fuq is-

02.10.2 sitwazzjoni tal-parkeġġ u l-garaxxijiet ta' din il-binja u jgħaddih lill-Awtorità għall-evalwazzjoni.

02.10.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Sammut Dimech staqsiet jekk hux possibbli li l-Kunsill iwassal il-problemi ta' xi binijiet oħra lill-HA. Is-Sindku informa li matul is-snin il-Kunsill għadda diversi lmenti u suġġerimenti lill-HA fuq problemi differenti, u li l-Kunsill seta' jkompli jfakkar fihom.

## 02.11 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart (April – Ġunju 2019)

02.11.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport finanzjarju hekk kif imħejji mill-*accountant* tal-Kunsill permezz tal-*email*. Hija infurmat li l-Kunsill qiegħed f'pozizzjoni tajba ħafna għalkemm il-maġġorparti tal-flus li għandu l-bank huma kommessi għall-proġett tal-arloġġ u tal-*Visitors Centre* (20% tal-ispiza finali). Min-naħa l-oħra infurmat li matul dan il-kwart il-Kunsill kien spiċċa b'deficit u għaldaqstant kien importanti li matul l-aħħar sitt xhur jipprova jirkupra n-nefqa sabiex jerġa' jġib il-bilanċ.

02.11.2 Il-Kunsill approva r-rapport u dan ġie ffirmat mis-Sindku u s-SE.

## 02.12 Punti oħra

02.12.1 Is-SE infurmat li kienet għadha qed tistenna risposta min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward tal-iskema Sebbaħ il-Lokal fejn il-Kunsill kien applika għall-fondi biex jinbidlu l-lanterni kollha ta' Ġnien is-Sinjura. Hija staqsiet ukoll dwar jekk għandhomx isiru biss irqajja zgħar ta' turf minħabba li tant hemm xtur li l-kuntrattur stess ma rrakkomandax li jsir it-*turf*. Kien hemm qbil li s-SE għandha titlob il-parir tal-periti. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jipprova jixtri xi bins u bankijiet ġodda mill-*Urban Development Fund*.

## 02.13 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

02.13.1 Is-SE infurmat li l-eks Kunsillier Anton Mifsud kien diġà għadda l-aħħar kommunikazzjonijiet tiegħu aktar kmieni waqt il-laqgħa.

02.13.2 Mid-darba li ġejja, il-Kunsillier Christianne Mifsud, li kienet ġiet fdata bir-responsabbiltà tal-politika reġjonali, u għaldaqstant kienet se tibda tirraporta l-punti saljenti mil-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

02.13.3 Fuq talba tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li l-Kunsill isib kuntrattur biex inaddaf iz-zona ta' wara Triq Gregorio Carafa minħabba li l-ħaddiema tal-Kunsill ma kinux ġabru l-ħaxix li nqata'.

02.13.4 Il-Kunsillier Fenech informa li fi Triq il-Gladjoli hemm xi residenti li joqgħodu fl-ewwel sular li qed jitfgħu l-boroz tagħhom ħdejn ir-residenti ta' taħt u għaldaqstant issuġġerixxa li ssir rack għall-boroz ta' kulħadd. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li racks saru biss għall-binjiet fejn hemm biss bieb wieħed komuni għal numru ta' familji u li deċizjoni bħal din setgħet tirrizulta f'aktar boroz jibdew jitwaddbu barra mill-ġurnata u l-ħin tagħhom. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandha ssir rack għall-boroz simili għall-oħrajn. Hawnhekk il-Kunsillier Sammut Dimech qalet li għalkemm tifhem il-bzonn tar-racks taqbel li għandu jsir aktar infurzar sabiex ir-residenti jitgħallmu ma jħammġux. Kien hemm qbil li s-SE għandha tinforma lill-awtoritajiet bl-abbuzi.

02.13.5 Il-Kunsillier Fenech semma' wkoll li għad hemm problema bl-iskart ta' Dar Kenn għal Saħħtek. Is-SE qalet li kienet se tkellimhom biex tinstab soluzzjoni.

## 02.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

02.11.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Sammut Dimech proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

02.11.2 Is-SE ressqet talbiet biex isir xiri ta:

1) *Air-Conditioner* għar-*reception* – M'hemmx oġġezzjoni.
2) *Chain saw* biex jintuza mill-ħaddiema tal-Kunsill u mill-konsulent ekoloġiku waqt ix-xogħlijiet speċjalment tar-rijabilitazzjoni tal-bosk – M'hemmx oġġezzjoni.

## 02.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

02.15.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:10pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 29 ta' Awwissu fis-6:00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 29 ta' Awwissu 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |